A.L. 20 ta' l-1996

ATT TA' L-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TA' L-1980)

Avviż ta' bidu fis-seħħ ta' partijiet mill-Edizzjoni Riveduta 1984 *(Loose-Leaf Form)*

BIS-SAHHA tas-setgħat moghtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura stabbilixxa l-1 ta' Frar, 1996 bhala d-data li fiha l-Volum IV ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta 1984 *(Loose-Leaf Form)* pubblikat mill-Kummissjoni tal-Liġijiet taħt l-imsemmi Att, ghandu jibda jseħħ.